# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru 2017**

**Rikors Ġuramentat Numru: 49/2017 PC**

**APS Bank Limited**

**vs**

**Maurice Borg Enterprises Limited (C7238);**
**Presidence Limited (C10348);**
**Maurice Borg; u Amata Borg**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-APS Bank Limited li permezz tiegħu, wara li ppremetta:

Illi s-soċjeta' intimata Maurice Borg Enterprises Limited hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' miljun, ħames mija u sbatax-il elf, mija u tlieta u sebgħin Ewro u erba' tletin ċenteżmu (€1,517,173.34ċ) rappreżentanti bilanċ komplessiv ta' faċilitajiet ta' self mogħtija lill-istess soċjeta' intimata mill-Bank rikorrent in kwantu għas-somma ta' disa mija sitta u erbgħin elf u għoxrin Ewro u sbatax il-ċenteżmu (€946,020.17ċ) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv għall-*'Loan Account'* bin-numru 2000042018-8 [*Statement of Account* hawn anness u mmarkat bħala Dok. APS1]; is-somma ta' ħames mija tlieta u ħamsin elf, mitejn u disgħa u disgħin Ewro u tmintax il-ċenteżmu (€553,299.18ċ) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv għall-*'Loan Account'* bin-numru 2000032060-3 [*Statement of Account* hawn anness u mmarkat bħala Dok. APS2]; is-somma ta' sittax-il elf, ħames mija

u wieħed Ewro u erbgħa' u erbgħin ċenteżmu (€16,501.44ċ) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv għall-'*Interest Disposal Account*' bin-numru 2000179217-9 [*Statement of Account* hawn anness u mmarkat bħala Dok. APS3] u s-somma ta' elf, tlett mija u tnejn u ħamsin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€1,352.55ċ) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv għall-'*Interest Disposal Account*' bin-numru 2000179219-1 [*Statement of Account* hawn anness u mmarkat bħala Dok. APS4] u dan oltre l-imgħax fir-rigward tal-'*Loan Account*' bin-numru 2000042018-8 u tal-'*Loan Account*' bin-numru 2000032060-3 mill-ewwel (1) ta' Jannar 2017 sad-data tal-pagament effettiv;

Illi l-intimati l-oħra u ċioe' Presidence Limited u Maurice Borg u Amata Borg ikkostitwew ruħhom bħala garanti solidali mal-imsemmija soċjeta' intimata Maurice Borg Enterprises Limited favur is-soċjeta' rikorrenti u dan bħala garanzija tal-ħlas lura tal-imsemmija faċilitajiet u għall-ħlas tal-imgħaxijiet relattivi u dan ai termini tal-*Guarantee Forms* hawn annessi bħala Dok. APS5 u Dok. APS6;

Illi għalhekk l-intimati kollha, b'mod solidali bejniethom, huma debituri tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' miljun, ħames mija u sbatax-il elf, mija u tlieta u sebgħin Ewro u erba' tletin ċenteżmu (€1,517,173.34ċ) oltre l-imgħax ulterjuri mill-ewwel (1) ta' Jannar 2017 sad-data tal-pagament effettiv;

Illi l-imsemmi ammont komplessiv huwa dejn ċert, likwidu u dovut mill-intimati lis-soċjeta' rikorrenti u fil-fehma tas-soċjeta' rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 *et seq.* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ, billi fil-fehma ta' l-istess soċjeta' rikorrenti, l-intimati m'għandhom l-ebda eċċezzjoni xi jressqu kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont komplessiv;

Illi għalkemm l-intimati ġew interpellati sabiex iħallsu l-ammont komplessiv hawn fuq imsemmi permezz tal-ittri uffiċjali hawn annessi u mmarkati bħala Dok. APS7, APS8 u APS9, huma baqgħu inadempjenti;

Illi s-soċjeta' rikorrenti intavolat Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fil-konfront tal-istess intimati kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat;

Illi r-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, bid-dispensa s-smiegħ tal-kawża a tenur ta' l-Artikolu 167 *et seq.* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

(1) Tiddikjara li l-intimati, b'mod solidali bejniethom, huma debituri tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma komplessiva ta' miljun, ħames mija u sbatax-il elf, mija u tlieta u sebgħin Ewro u erba' tletin ċenteżmu (€1,517,173.34ċ) in kwantu għas-somma ta' disa mija sitta u erbgħin elf u għoxrin Ewro u sbatax il-ċenteżmu (€946,020.17ċ) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv għall-*'Loan Account'* bin-numru 2000042018-8; is-somma ta' ħames mija tlieta u ħamsin elf, mitejn u disgħa u disgħin Ewro u tmintax il-ċenteżmu (€553,299.18ċ) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv għall-*'Loan Account'* bin-numru 2000032060-3; is-somma ta' sittax-il elf, ħames mija u wieħed Ewro u erbgħa' u erbgħin ċenteżmu (€16,501.44ċ) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv għall-*'Interest Disposal Account'* bin-numru 2000179217-9 u s-somma ta' elf, tlett mija u tnejn u ħamsin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€1,352.55ċ) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv għall-*'Interest Disposal Account'* bin-numru 2000179219-1 u dan oltre l-imgħax fir-rigward tal-*'Loan Account'* bin-numru 2000042018-8 u tal-*'Loan Account'* bin-numru 2000032060-3 mill-ewwel (1) ta' Jannar 2017 sad-data tal-pagament effettiv;

(2) Tikkundanna u tordna lill-intimati, b'mod solidali bejniethom, iħallsu lis-soċjeta' rikorrenti s-somma komplessiva ta' miljun, ħames mija u sbatax-il elf, mija u tlieta u sebgħin Ewro u erba' tletin ċenteżmu (€1,517,173.34ċ).

Bl-ispejjeż kontra l-intimati in solidum bejniethom, inkluż dawk tal-ittri uffiċjali bin-numri 154/17, 155/17 u 156/17 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat, li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors ġuramentat.

Rat in-nota tal-intimati kollha tal-lum stess, li permezz tagħha huma ammettew it-talbiet kollha tal-bank rikorrenti, b'dana pero illi s-sentenza m'għandhiex tiġi nfurzata bi proċeduri ta' subbasta qabel l-aħħar ta' Frar elfejn u tmintax (2018), la fuq proprjeta' mmobbli u lanqas fuq ishma tas-soċjetajiet intimati u l-intimati personalment.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum ukoll li permezz tagħha, l-avukat Dr. Ian Vella Galea għan-nom tal-bank attur qabel mal-kontenut ta' din in-nota.

Il-Qorti, għalhekk u in vista'  ta' din l-ammissjoni tilqa' t-talbiet attriċi u in vista' tal-verbal maqbul bejn il-partijiet fl-udjenza tal-lum tordna illi din is-sentenza m'għandhiex tiġi infurzata bi proċeduri ta' subbasta qabel l-aħħar ta' Frar elfejn u tmintax (2018), la fuq proprjeta' immobbli u lanqas fuq ishma tas-soċjetajiet intimati jew l-intimati personalment.

L-ispejjeż ikunu a karigu tal-istess intimati.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

27.10.2017 – Sup49.2017 – APS Bank Limited vs Maurice Borg Enterprises Limited et
870